# IL ĦABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgħa il Cbira u il gimgħa ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53)

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, il 25 TA FRAR, 1913. Nru. 55.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## L'imħabba tal Kaddisin.

Il Kaddisin huma daŭc li ġurnata chienu bħalna fid-dinja, għaxu seŭŭa f'li stat taħħom, osservaŭ chif imiss il ligi t'Alla u tal Cnisja, beżgħu mid-dnub, ħabbeŭ l'Alla u il proxxmu bil forzi taħħom collha u rebħu il glorja tas-Sema.

Il Cnisja tkiegħed il daŭn il Kaddisin kuddiem għajnejna u trid li iservuna bħala mera fil għamil it-tajjeb; Alla l'imbierec irid li aħna inħobbuhom, għaliex hu ucoll iħobbhom ħafna. Din l'imħabba għal Kaddisin tissejjaħ divozzjoni u hi ħaġa sabiħa u miħtieġa ŭisk, għaliex il Kaddisin iridu jidħlu għalina kuddiem Alla fil ħajja u f'ŭakt il meŭt. Iżda, chemm il darba, anche f'din l'imħabba tal Kaddisin, inħallu li nigu mirbuħa mil passjoni u naslu fil bluhat li inkas ma tarahom fl' imħabbiet tal bniedmin bejniethom? Biż-żejjed li inħarsu lejn l'imħabba ta daŭc il Kaddisin illi jista jixgħel fîna xi partit, biex naraŭ chemm dan hu veru. Xejn ma igħodd li icunu Kaddisin tant cbar, li l'isem taħħom għandu ikankal kima u rispett: l'imħabba taħħom xi drabi actarx tcun bluha inchella devozzjoni, għaliex magħġuna bil fanatiżmu u mhux imkankla u mixgħula mil Fidi. Jaslu biex ikiegħdu il dac il Kaddis li iħobbu kabel Gesù Cristu stess; u mentri minn dac li titlob ir-Religjon jagħmlu ftit jeŭ xejn, Alla iħares tmissilhom il dac il Kaddis li iħobbu.

U dan seŭŭa? Tridu dan il Cnisja nisranija? Iriduħ dan il Kaddisin ta Gesù Cristu? Il Cnisja ma tistax trid il bluha, li, jecc tiżinha tajjeb, m'hix ħlief profanazzjoni tal Kaddisin; u chiecu daŭn chienu jitchellmu, sgur chienn iċanfruna, meta jaraŭ dan il għamil goff u iblaħ maħħom. Il Kaddisin iridu biss iresskuna lejn Alla u mhux ibegħduna minnu biex iresskuna lejhom infushom. Xi ngħidu, imbagħad, meta l'atti tal imħabba tagħna għall Kaddisin icunu daŭc ta ŭiri, chif jidher fl'occażżjonijet tal festi principali li nagħmlu? Huma vera imħabba u devozzjoni lejn il Kaddisin daŭc il purcinellati li isiru minn min irid ibiddel il festa f'divertiment, biex ma ngħidux ħaġ'oħra? Ma ebda bniedem ma conna naslu sa fejn fl'espressjonijet tagħna naslu mal Kaddisin u inkas ebda bniedem ma chien jippermetti għaliħ blugħat chif isiru lil xi Kaddisin fil festi taħħom. Dan m'hux għamil ta insara: ma nħallux, mela, min jitcaża bîna, għaliex ighid li ma nafux x'jigifieri imħabba kaddisa, chif titlob ir-Religjon ta Gesù Cristu.

M.P.G.

## IS-SEMA JATI GLORJA LILL ĦALLIEK TIEGĦU.

(*Jissocta man-numru 54*)

Daŭn il-cŭiecheb, barra milli humu ħlief fil-giri tagħhom, huma ucoll costanti f-dan il-giri, għaliex minn mindu nħalku, katt ma naksu mir-regola li lilhom giet mogħtija fil-giri tagħhom; u għalhecc l-astronomi mingħajr ma jiżbaljau jagħmlu fil-giri tagħhom għadd costanti ta snin, ta xhur, ta' ġranet, ta' siegħat u saħansitra ta' minuti u ta' secondi ta' minuti. B-dan collu, min ma jistgħagibx? min ma għandux igħid illi min ħalak daŭn l-esseri hu għaref bil-bosta? Għaliex, jecc Michel' Anġlu giè msejjaħ bniedem ta' cbir ingênju, għax ŭakkaf plier ta' l-acbar cobor bl-għajnuna ta' xi mâgni nventati minnu stess, li biex jŭakkfuh mingħajr daŭna ma chienetx biż-żejjed cotra cbira ta' nies; u jecc xi arloġġ biex jimxi regulari u ma jiżbaljax fil-ħin, jaħtieġ li jcun maħdum bl-acbar maestrija u attenzjoni, mela min jista' jeŭŭilla jiddubita li chien u li hua ta' cbir għerf dac li għamel il-cŭiecheb, li huma ta' cobor li ma bħalu, ħlief u custanti fil-giri tagħhom? Ħadd sgur.

*It-tixrid tiegħu tal-gid fuk l-art jurina it-tieba t-Alla.* Dan il-gid li jixħet fukna is-sema,aħna nsibuħ malajr fit-tkankil tiegħu, għaliex jecc il cŭiecheb jekfu mil-giri tagħhom, dan it-tŭakkif għalina jcun ta' ħsara cbira ŭisk; imbagħad min ma jafx il-gid li ittina x-xemx? Ix-xemx hi bħal Prim-Ministru fis-Saltna tan-natura, billi tmur tkassam u tati l-gid meħtieġ lil cull creatura. Imħabba fiha, infatti, s-siġar (biex ma nsemmux ħŭejjeġ oħrä) jieħdu r-ruħ u l-għajxien tagħhom, jitfgħu l-għeruk fil-fond, jiżżejnu bil-ŭerak u bil-fjuri, joħorġu l-frieghi, jinżegħdu bil-frott u jsajruh. Minn dan il-gid li fukna jixħet is-sema, min ma jagħrafx it-tieba cbira ta' min ħalku? Jecc xi ħadd icun mogħti għall carità u igħin l-għajru fl-hemm tiegħu, cullħadd b-leħen ŭieħed isejjaħlu *bniedem ta' kalb tajjba, bniedem tajjeb*: mela la darba l-Ħalliek tas-sema, li hu Alla, permezz tas-sema, jatina tant gid, għandna ucoll b-leħen ŭieħed insejjħulu collu tieba, collu tjubija.

Jecc is-sema jati glorja ll-Alla, billi permezz ta' l-eŭlienin attributi tiegħu jurina l-cobor, l-għerf u t-tieba t-Alla, anchi l-art tati glorja lilu, billi (chif għâd naraŭ darba oħra), permezz tat-tagħlil (fecondità) tagħha fl-għadd tan-nisel u permezz tal-grazzja fis-sbuħija tgħarrafna l-*Prima Caŭża*, għajn li ma tispiċċax ta cull gid u ta'cull ġmiel, li hi li-stess Alla.

E. F.

## Draŭŭiet tagħna.

### IL PROCISSJONI TA SANT'ACTA.

Fost chemm processjonijet tal ŭegħeda (votivi) għandhom il Catidral ma tulec ja sena, (bħalma huma, ngħidu aħna, dic tal 20 ta Jannar li imorrulec fil Cnisja ta San Bastjan, b'tifchira ta mita misserijetna geŭ meħlusa mil mard tal pesta, 1501; dic l'oħra ta nhar Sant'Anna, li issîr għall Parroċċa ta San Paŭl tar-Rabat; ta nhar Labsi għall mîna tal Għarrekîn; chif ucoll tal 11 ta Jannar, b'tiżżija ta ħajr ll'Alla l'imbierec talli il Gżira tagħna ma ġralhiex ħsarât cbar bit-teħżiż icraħ tal art li ŭerŭer u chexchex bil biża il Malta, fl'1639 u fis-26 ta Frâr 1743, u x'naf jen...), hemm dic ucoll li issîr fil 5 ta Frar, u tmur fil Cnisja il kadima ta Santa Acta, b'tifchira u radd il ħajr tal ħelsien tagħna minn taħt il madmad kalil tat-Toroc, li dic il ħabta chienu ŭaħħlu f'rashom illi iridu, mkâr bid-dneŭŭa, iŭakkgħuna taħt idejjhom u jgħaccsuna bl'iebes.

Chif, mnejn u il għala bdiet di'l processjoni ta Sant'Acta,—li ilha issir 362 sena,— nsibuħ fil ġrajja l'imgħoddijin ta li *Storia tagħna*, mħollijin bil mictub minn Ġalanton Vassall, (fil faċċata 347, l'aħħar *Edizzjoni*):

«Mita it-Toroc ħabtu għalina biex jirgnuna taħt kellet sejfhom, u Malta nżegħdet bihom collimchien, il Ħachem tal Imdina sâb ruħu mfixchel, ħusbien, u beżgħan għall meŭt: f'dîc it-taħbila u f'dac it-taktîk il kalb, sâb min farragħlu kalbu għall għarrieda, għaliex Dun Giużepp Manduca, Vigarju tal Iskof, mâr għandu u bilġri għarrfu «illi

ħeġġa, u ghall ħrara, u ghax-xeħta, u ghall leħen: imma, fuk collox, ghall gherf cbir li hu biħ mimli u ghall ħabta li ghandu biex ifiehem lil *cull-hadd* ħùejjeġ l'actar tar-rekka bi cliem l'iżjed mexxej, *argumenti* mil!'itka! b'tifsir mill'eħfef. U il Canôncu Romani kieghed jaghmel gid cbir fl'erùieħ, ghax jaf iħalli il ùard fil genb, biex minn f'lôcu jati il frott misjur u tajjeb.

—Niżżu-ħajr lir-Reverendu Patri Carm Diaconu, Carmlitan, li ghoġbu jibghatilna il ctieb ġdid tieghu, imsejjaħ, b'umiltà cbira, *Siegha ta adurazzjoni* fil ùakt li sata joħroġ bl'isem ta *Teżor tan-nisrani*, ghax fiħ 478 faċċata imfaùùrin b'cull xorta ta talb u indulgenzi. Fost tant ħùejjeġ oħra, igib: *Taghlim fuk id-devozzjoni lejn il Abtu Mkaddes tal Carmnu* b'li storja collha taħħa. li cull-min hu miġbud lejha (u nistghu nghidu li hi miġbuda il Gżira chif iddur) imissu iżomm dan il ctieb dejjem ħdejn rasu. Il ctieb, imbaghd, hu maħdum tajjeb ħafna; u li stampa tieghu ucoll ħarġet mill'isbaħ Nifirħulu b'kalbna collha u nirriccmandaùħ il karrejja taghna.

—L'acbar trux dac li ma iridx jisma! Aħna *Iskof* ghedna, mhux *l'Iskof*, mita semmejna l'aħħar darba x'chien intkal fil Cumitat General tal Cungress Eùcaristicu fuk l'*irbumbjar*. U kabel conna ghedna ucoll li, minn ghalina, ma ghandniex ghal fejn inħakkuha fuk il post tal lakghat, ghax m'hix biċċa taghna, anzi, jecc jista icun, nixtieku naraù il cull-ħadd cuntent: iżda min jarac icreħ, ifittixlec ix-xaghra fil ghagina. Il Mosta hemm Kassis żaghżuħ u gharef, li jaf x'ghidnielu, rasu u rasna, fuk din il praspura!

—Il gimgha id-dieħla ngibu ittra tal impurtanza li baghtilna minn Montreal (Canada) is-Sur James L. Bonnici: chellna nħalluha ghal darb'oħra ghax ftit tùila u rridu nakalbuha mill'Ingliż ghall Malti.

—Il Chittieba taghna li ma isibux haùn, illum, dac li baghtulna, ma ghandhomx ghax jaħsbu li tlaknihom: ninsabu ftit mghobbijin, l'actar bil poeżiji: imma ùieħed ùara l'ieħor, nakdu il cull-ħadd.

—Gej Malta il Professur Mark Hambourg, ùieħed mill'akùa *Pjanisti* tad-dinja: jasal fil bidu ta marzu u jati Cuncert cbir *il-Manùel*. Il prezzijet tal biljetti ghall Platea, chif smajna, icunu ta erba' xelini, ta tlieta, ta tnejn u ta ùieħed. Xorti cbira li tisma il Mark Hambourg b'erba' xelini: aħseb u ara b'*xelin biss*, geùùa *il-Manùel*!

—Il Corunell Achille Samut, C.M.G., li, ùara servizz tùil fl'Indi, kieghed haùn bil pjazza, ghad li ghadu fl'aħjar tieghu. hu ùieħed minn daùc li iħobbu il Malta *bil-fatti*, chif, Alla jaħfirlu, chien missieru: u, bi xhieda ta dan, bi ħsiebna nitchellmu darb'oħra fit-tùl fuk dac li chiteb, daùn il ġranet, f'gażetta tal Inghilterra, biex jara ikajjemx il *Cummerċ taghna*. Frattant, niżżuħħajr mn'issa fl'isem tal Poplu Malti: u nitolbu ll'Alla li il ħsieb cbir u ħanin tieghu jista jirnexxi. Il Corunell Achille Samut, li chien issemma ħafna mita ghamel il *Cunferenzi* bl'Ingliż fil *Juventutis Domus*, ghadu sa 'llum Eżaminatur tat-Taljan fl'Armata ingliża, ghax tħobb ilsien ma ifisserx tibghod ieħor.

—Saghtejn nieksin qùart gibed Monsinjur Gaùci fil *Lettura bil lastri fissi*, li ghamel, nhar it-tnejn li ghaddeù, fiċ-Circlu tal *Unjoni Cattolica*, fuk il *Cungress Eùcaristicu*: u tistghu taħsbu chemm gherf u tifsir daħħal fl'imħuħ ta daùc li chienet mimlija bihom bħal bajda dic is-Sala cbira. Chellu applaùsi ùisk u cull-ħadd ħareġ jiftaħar biħ. Nifirħulu. — Mil *Lettura* l'oħra li ghamel hemm stess, ilbieraħ tl'ùra, Monsinjur Canôncu Farrugia, fuk il *Miracli ta Cristu*, nitchellmu il gimgha id-dieħla: illum nghidu biss li din il *Lettura bil Malti* hi dic stess li Monsinjur Farrugia chien ghamel bit-Taljan fis-Sala tal Liceo u li bakghet tissemma bħala ùaħda mill'akùa *Letturi* li saru hemm.—Monsinjur Gaùci chien ghamel hemm ucoll bit-Taljan il *Lettura* tieghu fuk il *Cungress Eùcaristicu* u chienu marru tant nies, li chellu jarġa itenniha.

—Ùieħed mill'eghżeż ħbieb li ghandna chitbilna ittra tùila u irragjunata ùisk (ma satax jonkos) fuk il post ta fejn ghandha tinbina—jecc ghandha tinbina, nghidu aħna—Cnisja b'tifchira tal Cungress Eùcaristicu; u kâl hu stess li ma iridx jakbad *polemichi* fuk dan. Imm'aħna kieghdin nibżghu li dic l'ittra tcun il miċċa taħħom: u, ghad li hi iffirmata u rispettusa (inkas dan ma sata jonkos minn Chittieb bħal dac), ghadna intellghu u innizzlu jecc ghandniex ingibuha.

## Cungress Eûcaristicu.
### AĦBAR TAJJBA.

Fil lakgha ta lbieraħ fil ghaxija, il Cumitat Esecuttiv, *imkankal* mir-Rev. Dun Ġùann Gaùci, D.D., M.A., li giè *issecundat* mis-Sur G. Muscat-Azzopardi, P.L, ghadda, bil vôti collha, li, jecc joghġob lill Cumitat General, il lakghat tal Cungress isiru fil Cnisja tal Mosta.

U, imbaghd, il Cumitat General, bil vôti collha ucoll, ghadda ix-xeùka tal Cumitat Esecuttiv.

## Ma dûar id-dinja.

*Messicu*—Ir-rivoluzjoni li ilha sejjra żmien tùil fil Messicu f'daùn l'aħħar gimghat xghelet iżjed. Chien hemm cbar u continùi battalji bejn l'eserċtu tal Gvern u ir-ribelli taħt il cmand tal Genaral Diaz, li ghalchemm indaħlu nies u Ambaxxaturi ta Potenzi, katt ma ried iùakkaf il gùerra jecc kabel il President Madero ma jirrinunzjax. Sa fl'aħħar, Madero giè arrestat mil General Blanquet, li tant fiħ chien fada: u flimchien ma ħuħ Gustavu geù makfula f'tarżna, taħt li stess Diaz. Gustavu ftit ùara giè maħruġ barra u fucilat.

*Franza*—Fis-17 tax-xahar spiccia iż-żmien tal President Falliéres u daħal fil cmand il President ġdid Poincaré. Il belt chienet collha imbandierata: iċ-ceremonja bdiet fissaghtejn: saru discorsi mil ùieħed u mill'ieħor kuddiem il Presidenti tas-Senat u tal Camra u il Ministri collha. Dana ġara fil Palazz tal Eliseu: minn haùn, ùara li ħa il cmand, il President il ġdid flimchien mal ieħor mar il Municipju, fejn giè milkuħ mil President, mil Cunsill u minn Cbarat oħra. Haùn saru discorsi oħra, u imbghad giet offerta *champagna* lill Poincaré, Falliéres u Loubet: lilhom ucoll giet moghtija medalja tad-deheb b'tifchira.

—F'Parigi, fil ùakt li chien hemm ħruk f'fabrica tal alluminju, l'ilma mar fuk il metall li chien kieghed jigi fundut, u dan scoppja b'tant saħħa li xeħet mal art cull min chien krib; u qùasi cullħadd giè ferut u maħruk min f'ùiċċu, min f'idejħ, min band'oħra. Il feruti bilġri ħaduhom f'li Spiżeriji li infetħu malajr apposta, ghaliex chienu ghadhom il ħamsa ta fil ghodhu.

*Inghilterra*—Ùara il ħsara li ghamlu issuffragisti fis-serra tal orchidee, daùna stess kabdu mas-sebħ jatu in-nar lit-*TeaPavillion* fil ġraden ta Keed: il ħruk giè moghti b'tajjar u bċejjeċ imxarrba bil parafina li malajr kabdu. Il Pulizija bilġri ghamlet curdun u arrestat żeùġ nisa, li fukhom sâbu bċejjeċ u parafina: fl'art insabet carta li chien fiha mictub: L'orchidee setghu jiġu mekruda, iżda le l'unur tan-nisa. Il ħsara hi ta elf lira ingliża. Ùaħda, jisimha Locke Leuton, ta 22 sena, li ghandha tcun ipprocessata, ghamlet frattarija cbira fil Korti ùara l'arrest.

*Creta*—Fis-sbatax tax-xahar, l'incrocjatur ingliż *Yarmouth* niżżel f'Canea cumpanija baħrin bil bandieri tal Potenzi protettrici u tat-Turchija ucoll; ùara li taùhom l'unuri militari, u imbghad giet imtellgha il bandiera griega, allura in-nies ta Creta ghamlu dimostrazzjoni cbira lill Grecja u lill Potenzi protettrici.

*Il Gùerra* — Il fregata torca, li chienet marret l'art. giet abbandunata u iċ-Ċorma ùaslet Costantinopoli.

Il bombardament ta Adrjanopoli ghamel ħafna ħsara: mijet ta djar u imħażen geù maħruka: u li stess moschea ta *Santa-Sofija* ghal-ftit ma kabditx ucoll, tant in-nar chien krib minnha.

Tempesta cbira ta silġ u bard bla kies ghamlet, f'daùn l'aħħar jumejn: u imħabba f'hecc il gùerra ma setghetx tcompli: ighidu li il Bulgari b'taħbit cbir kieghdin idaħħlu l'ichel.

—TISÙIJA—Il gimgha l'oħra, sar żball f'li Stampa: l'ismijet tar-Reverendissimi Sottaz u Dall'Olio inkalbu: dac li hu marid giè hecc li sar f'lôc il kaùùi.

L. M. C. G.

## Chitbulna:—

Mil li *Sptar Connaught*.

Fis-17 ta frar, 1913.

Sur Cavalier,

Actarx li f'cull raħal, - bħalmu hemm il Gùdja, Ħal-Luka, Ħaż-Żebbuġ, iż-Żurriek, Ħal Kormi, Ħal Balzan, Ħal Safi, Ħal Chircop, u x'naf jen—ghandec tilmaħ Salib ghôli tal ħaġar mùakkaf fil misraħ ta krîb mil Cnisja.

L'actar ùieħed antic fosthom, hu dac li haùn bejn ir-Rabat u l'Imdina, malli nħallu is-Sakkajja u nakbdu il ùesgha li tati ghat-Truncieri

Nisthajjlec tghidli: *biex int gej da'l ghodu?* Iżda ħallini, Sur Direttur, ngharraf lill karrejja tal *Habib* biċċa storja ta pajjiżna, ghax actarx bosta uħud ma jafuhiex hecc addoċċ chif gieb u laħak.

Dac is-Salib, mela, chien ùakkfu il Conti Ruggieru Normann fis-sena 1090, bħala turija li, mita hu medd riġlejħ fuk il Gżejjer taghna, il Maltin sâbhom diġà insara.

Dâri kuddiem dac is-Salib, nhar Ħadd il Palm u nhar il Gimgha il Cbira, chien jitcanta il *Passju*.

Mil *Hierolexicon*, ctieb jisùa mitklu deheb, maħdum mil gharef malti Duminc Macro, rajt chif ghamilt u ġbart u lakkatt daùn il chelmiet (faċċata 450):

«Fiż-żmenijet l'imghoddija, mita l'Imdina chienet ghadha il belt eùlenija tal Gżira taghna, l'Iskof, liebes bil cbîr, chif ucoll il Capitlu tal Catidral u il Kassisîn li maħhom, chienu joħorġu procissjoni, barra is-sûar tal Imdina, nhar Ħadd iż-Żebbuġ u nhar il Gimgha il Cbira, u chienu jibkghu sejjrin ħdejn dic il medda art, li tinfirex bejn is-Sakkajja u fuk it-Truncieri, fejn seùùa-seù ghadha tidher mùakkfa colonna bis-Salib fukha: hemm chienu icantaù il *Passju*; dan jixhduħ u jatuh b'ħaġa sgura ix-xjuħ ta żmien ilu, ilu, mita dic il ħabta chienet issir hemm il funzjoni ghażiża nhar Ħadd iż-Żebbuġ u il Gimgha il Cbira.»(*)

Dun Giużepp Farrugia, *Cappillan*.

(*) "Ac in Melita Insula ex hac devotione fortasse in Dominica Palmarum extra Urbem Notabilem in quadam planitie, ubi nunc columna cum Cruce remansit, cani passionem olim solitum fuisse senes affirmabant, ac usque ad eorum tempora durasse..."

